MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRETA MIFSUD

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 850/2008

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Josephine Reeves**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tmien mija u sebgha u disghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€897.62), rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 359184 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ April, 2008 dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija u sebgha u disghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€897.62), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------